MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Numru. 10/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Piu Attard**

Numru: 10/2013

Illum 21 ta' Jannar 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Piu Attard**, ta' tnejn u hamsin (52) sena, iben il-mejjet Laurence u Maria neé Gatt, imwieled Victoria, Ghawdex fit-18 ta' Mejju, 1960 u joqghod 18, Triq

George Mcadam, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 32560(M), akkuzat talli:

1. bejn Jannar 2004 u Dicembru 2010, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioé ma hallasx lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' €14,937.33 *ai termini* tal-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula *ai termini* tal-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2015, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2015, lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li l-ammont kollu li jsir riferenza ghalih fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat gie mhallas kollu kemm hu mill-istess imputat lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi: fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "B" – *a fol.* 16 *et seq.*), l-ammissjoni tal-imputat, is-sentenzi li jirrizultaw fl-atti processwali u kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fis-sens li l-ammont kollu li jsir riferenza ghalih fl-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat gie mhallas kollu kemm hu mill-istess imputat lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Il-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont ta' dan kollu, ghandha timponi terminu ta' prigunerija fil-konfront tal-imputat, liema terminu jkun wiehed sospiz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Arikoli 18, 49, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Piu Attard hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta′ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta l-atti kollha ta′ dawn il-proceduri u kopja ta′ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------